SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

26 ta' Marzu 2020*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2001/23/KE – Artikolu 3(1) – Trasferimenti ta' impriżi – Salvagwardja tad-drittijiet tal-ħaddiema – Kuntratt pubbliku li jirrigwarda s-servizzi ta' tindif – Attribuzzjoni tal-lottijiet tal-kuntratt lil żewġ offerenti rebbieħa ġodda – Impjieg mill-ġdid ta' ħaddiem assenjat fil-lottijiet kollha tal-kuntratt"

Fil-Kawża C-344/18,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-arbeidshof te Gent (il-Qorti Industrijali ta' Gent, il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Mejju 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-25 ta' Mejju 2018, fil-proċedura

**ISS Facility Services NV**

vs

**Sonia Govaerts,**

**Atalian NV**, li kienet Euroclean NV

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn M. Vilaras, President tal-Awla, S. Rodin, D. Šváby, K. Jürimäe u N. Piçarra (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: M. Ferreira, Amministratriċi Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-8 ta' Mejju 2019,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal ISS Facility Services NV, minn J. Dubaere, avocat,

– għal S. Govaerts, minn S. De Beul,

– għal Atalian NV minn S. Diels u E. Carlier, advocaten,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. van Beek, M. Kellerbauer u B.-R. Killmann, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2019,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet ta' l-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 98).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Sonia Govaerts, minn naħa, u ISS Facility Services NV (iktar 'il quddiem "ISS") u Atalian NV, li kienet Euroclean NV, min-naħa l-oħra, dwar it-tkeċċija tagħha u l-konsegwenzi ta' din tal-aħħar.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 Il-premessa 3 tad-Direttiva 2001/23 tipprovdi:

"Huwa neċessarju li jigi pprovdut għall-protezzjoni ta' l-impjegati fil-każ li jinbidel min jimpjega, b'mod partikulari, sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet tagħhom ikunu salvagwardjati."

4 L-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva jipprevedi:

"(a) Din id-Direttiva għandha tapplika għal kull trasferiment ta' impriża, negozju jew parti minn impriża jew negozju lil persuna oħra li timpjega bħala riżultat ta' trasferiment jew inkorporazzjoni legali.

(b) Bla ħsara għas-subparagrafu (a) u għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-Artikolu, ikun hemm trasferiment fis-sens ta' din id-Direttiva meta jkun hemm trasferiment ta' xi entità ekonomika li żżomm l-identità tagħha, jiġifieri għaqda organizzata ta' riżorsi bl-objettiv li twettaq attività ekonomika, kemm jekk l-attività hija ċentrali jew anċillari kemm jekk le.

[...]"

5 L-Artikolu 2(2) tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali f'dak li jirrigwarda d-definizzjoni ta' kuntratt ta' mpjieg jew relazzjoni ta' mpjieg.

Madanakollu, l-Istati Membri m'għandhomx jeskludu mill-iskop ta' din id-Direttiva kuntratti ta' mpjieg jew relazzjonijiet ta' mpjieg biss minħabba:

(a) n-numru ta' sigħat tax-xogħol maħduma jew li jridu jinħadmu,

[...]"

6 Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tal-istess direttiva:

"Id-drittijiet u l-obbligi ta' min jagħmel it-trasferiment ikkawżati minn kuntratt ta' mpjieg jew minn relazzjoni ta' mpjieg eżistenti fid-data tat-trasferiment għandhom, minħabba dan it-trasferiment, jiġu trasferiti lil min lilu jsir it-trasferiment."

7 L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/23 jipprovdi:

"1. It-trasferiment ta' l-impriża, n-negozju jew xi parti mill-impriza jew negozju m'għandux fih innifsu jikkostitwixixi bażi għal tkeċċija minn min jagħmel it-trasferiment jew minn min lilu jsir it-trasferiment. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tkun ta' xkiel għal tkeċċijiet li jistgħu iseħħu għal raġunijiet ekonomiċi, tekniċi jew ta' l-organizzazzjoni li jinvolvu bidliet fin-nies li jkunu jaħdmu.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-ewwel subparagrafu ma japplikax għal ċerti kategoriji speċifiċi ta' mpjegati li mhumiex koperti mil-liġijiet jew mill-prattika ta' l-Istati Membri għar-rigward ta' protezzjoni kontra t-tkeċċija.

2. Jekk il-kuntratt ta' l-impjieg jew ir-relazzjoni tax-xogħol jintemmu minħabba li t-trasferiment jinvolvi bidla sostanzjali fil-kundizzjonijiet tax-xogħol għad-detriment ta' l-impjegat, min jimpjega għandu jitqies bħala responsabbli għat-tmiem tal-kuntratt ta' l-impjieg jew ir-relazzjoni ta' l-impjieg."

### *Id-dritt Belġjan*

8 Il-Ftehim Kollettiv tax-Xogħol Nru 32a tas-7 ta' Ġunju 1985 dwar is-salvagwardja tad-drittijiet tal-ħaddiema fil-każ ta' bidla tal-persuna li timpjega minħabba trasferiment li jirriżulta minn ftehim ta' impriża u li jirregola d-drittijiet tal-ħaddiema impjegati mill-ġdid fil-każ ta' akkwist tal-attiv wara falliment jew arranġament ġuridiku bi trasferiment tal-attiv, li sar obbligatorju permezz ta' Digriet Irjali tal-25 ta' Lulju 1985 (*Moniteur belge* tad-9 ta' Awwissu 1985, p. 11527), hekk kif emendat bil-Ftehim Kollettiv tax-Xogħol Nru 32d tat-13 ta' Marzu 2002, li sar obbligatorju permezz ta' Digriet Irjali tal-14 ta' Marzu 2002 (*Moniteur belge* tad-29 ta' Marzu 2002, p. 13382), ittraspona fid-dritt Belġjan id-Direttiva 2001/23. Ma huwiex ikkontestat li din it-traspożizzjoni twettqet b'mod konformi ma' din id-direttiva.

## Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

9 S. Govaerts kienet impjegata, mis-16 ta' Novembru 1992, minn Multiple Immo Services NV, u sussegwentement mis-suċċessuri fid-dritt tagħha, jiġifieri fl-aħħar lok minn ISS. Hija kkonkludiet ma' din il-kumpannija tal-aħħar kuntratt ta' xogħol għal żmien indeterminat ġdid, fl-1 ta' Settembru 2004, filwaqt li żammet l-anzjanità tagħha miksuba mis-16 ta' Novembru 1992.

10 ISS kienet responsabbli għat-tindif u għall-manutenzjoni ta' diversi bini fil-belt ta' Gent (il-Belġju) imqassam fi tliet lottijiet. L-ewwel lott kien jinkludi l-mużewijiet u l-bini storiku, it-tieni lott kien jinkludi l-libreriji u ċ-ċentri ċiviċi u, it-tielet lott kien jinkludi l-bini amministrattiv. Fl-1 ta' April 2013, S. Govaerts saret maniġer responsabbli għat-tliet siti li jikkorrispondu għal dawn il-lottijiet.

11 Sussegwentement, il-belt ta' Gent nediet sejħa għal offerti fir-rigward tal-lottijiet kollha msemmija iktar 'il fuq għall-perijodu ta' bejn l-1 ta' Settembru 2013 u l-31 ta' Awwissu 2016. Fit-tmiem ta' din il-proċedura, fit-13 ta' Ġunju 2013, l-offerta ta' ISS ma ntgħażlitx. L-ewwel u t-tielet lott ġew attribwiti lil Atalian, filwaqt li t-tieni lott ġie attribwit lil Cleaning Masters NV.

12 Fl-1 ta' Lulju 2013, ISS informat lil Atalian li kellu jiġi applikat fir-rigward ta' S. Govaerts, impjegata full-time f'dawn is-siti, il-Ftehim Kollettiv Nru 32a. Atalian ikkontestat din l-analiżi fit-3 ta' Lulju 2013.

13 Permezz ta' ittra rreġistrata tat-30 ta' Awwissu 2013, ISS informat lil S. Govaerts li, minħabba t-trasferiment tal-impriża u minħabba li hija kienet impjegata fis-siti li jikkorrispondu għall-lottijiet 1 u 3, hija kienet ser tidħol fis-servizz ta' Atalian mill-1 ta' Settembru 2013, data li minnha hija ma kinitx ser tibqa' tagħmel iktar parti mill-persunal ta' ISS. Bħala konsegwenza ta' dan, din tal-aħħar ħarġet lil S. Govaerts ċertifikat ta' qgħad li jindika l-31 ta' Awwissu 2013 bħala l-aħħar ġurnata ta' impjieg.

14 Permezz ta' ittra rreġistrata oħra tat-30 ta' Awwissu 2013, ISS indikat lil Atalian li l-kuntratt ta' xogħol ta' S. Govaerts kien ser jiġi ttrasferit lilha *ipso jure* mill-1 ta' Settembru 2013.

15 Fit-3 ta' Settembru 2013, Atalian għarrfet lil ISS li hija ma kinitx tqis li kien sar trasferiment ta' impriża fis-sens tal-Ftehim Kollettiv Nru 32a u li, għaldaqstant, ma kien hemm ebda relazzjoni kuntrattwali li torbotha ma' S. Govaerts.

16 Fit-18 ta' Novembru 2013, S. Govaerts adixxiet kemm lil ISS kif ukoll lil Atalian quddiem l-arbeidsrechtbank te Gent (it-Tribunal Industrijali ta' Gent, il-Belġju), sabiex tikseb il-ħlas ta' kumpensi għal avviż tat-temm ta' impjieg, ta' bonus tal-aħħar tas-sena *pro rata temporis*, kif ukoll ta' bonus għal vaganzi għall-perijodi ta' riferiment li jikkorrispondu għas-snin 2012 u 2013.

17 Permezz ta' sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, din il-qorti qieset li t-tkeċċija ta' S. Govaerts kienet irregolari u kkundannat lil ISS tħallas kumpens għal avviż tat-temm ta' impjieg, bonus tal-aħħar tas-sena u bonus għal vaganzi. Għall-kuntrarju r-rikors ippreżentat kontra Atalian ġie deċiż inammissibbli.

18 Skont l-imsemmija qorti, il-Ftehim Kollettiv Nru 32a ma kienx applikabbli fir-rigward ta' S. Govaerts sa fejn din tal-aħħar kienet twettaq kompiti amministrattivi u organizzattivi u ma kinitx tipparteċipa, fis-siti tal-belt ta' Gent, fix-xogħlijiet ta' tindif li kienu s-suġġett tat-trasferiment.

19 ISS appellat mis-sentenza mogħtija fl-ewwel istanza quddiem l-arbeidshof te Gent (il-Qorti Industrijali ta' Gent). Hija ssostni li l-kuntratt ta' xogħol ta' S. Govaerts ġie ttrasferit, mill-1 ta' Settembru 2013, f'ammont ta' 85 % lil Atalian u f'ammont ta' 15 % lil Cleaning Masters.

20 Kuntrarjament għall-qorti adita fl-ewwel istanza, il-qorti tar-rinviju tqis li, fil-kawża prinċipali, l-identità tal-entità ekonomika kienet inżammet fis-sens tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/23 u li, għaldaqstant, kien seħħ trasferiment ta' impriża fis-sens ta' dan l-artikolu. Minn dan hija tiddeduċi li, konformement mal-Artikolu 7 tal-Ftehim Kollettiv Nru 32a, li jittrasponi l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/23, id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw għaċ-ċedent, mill-kuntratti ta' xogħol eżistenti fid-data tat-trasferiment, jiġifieri l-1 ta' Settembru 2013, kienu ġew, minħabba dan it-trasferiment, ittrasferiti *ipso jure* lil Atalian u lil Cleaning Masters fil-kapaċità tagħhom ta' ċessjonarji.

21 Peress li l-kompiti ta' S. Govaerts jirrigwardaw esklużivament is-siti tal-belt ta' Gent, il-qorti tar-rinviju tqis li l-persuna kkonċernata kienet tagħmel parti, fl-1 ta' Settembru 2013, mill-impriża ttrasferita u għaldaqstant, hija tistaqsi dwar il-konsegwenzi, fid-dawl tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/23, ta' dan it-trasferiment ta' impriża fir-rigward tal-kuntratt ta' xogħol ta' S. Govaerts.

22 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-arbeidshof te Gent (il-Qorti Industrijali ta' Gent) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari segwenti:

"L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva [2001/23] għandu jiġi interpretat fis-sens li fil-każ ta' trasferiment simultanju ta' diversi partijiet ta' impriża fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-direttiva, lil diversi ċessjonarji, id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mill-kuntratt ta' xogħol, li jeżistu fid-data tat-trasferiment, ta' ħaddiem li kien impjegat f'kull waħda mill-partijiet ittrasferiti, huma ttrasferiti lil kull wieħed miċ-ċessjonarji, madankollu proporzjonalment mal-firxa tal-impjieg tal-ħaddiem inkwistjoni fil-parti tal-impriża akkwistata minn kull wieħed miċ-ċessjonarji,

jew [fis-sens] li d-drittijiet u l-obbligi msemmija iktar 'il fuq huma ttrasferiti sħaħ liċ-ċessjonarju li akkwista l-parti tal-impriża li fiha l-ħaddiem inkwistjoni kien impjegat prinċipalment,

jew ukoll [fis-sens] li, jekk id-dispożizzjonijiet tad-direttiva ma jistgħux jiġu interpretati b'ebda mill-modi msemmija iktar 'il fuq, ma hemm trasferiment ta' drittijiet u obbligi li jirriżultaw mill-kuntratt ta' xogħol tal-ħaddiem inkwistjoni lil ebda miċ-ċessjonarji, liema fatt huwa l-istess fil-każ meta ma jkunx possibbli li tiġi ddeterminata separatament il-firxa tal-impjieg tal-ħaddiem f'kull waħda mill-partijiet ittrasferiti mill-impriża?"

**Fuq id-domanda preliminari**

23 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk, fil-preżenza ta' trasferiment ta' impriża, fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2001/23, li jinvolvi diversi ċessjonarji, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva għandux jiġi interpretat fis-sens li d-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mill-kuntratt ta' xogħol eżistenti fid-data ta' dan it-trasferiment huma ttrasferiti lil kull wieħed miċ-ċessjonarji, *pro rata* mal-funzjonijiet eżerċitati mill-ħaddiem, jew biss liċ-ċessjonarju li għalih il-ħaddiem għandu jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu b'mod prinċipali. Sussidjarjament, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk din id-dispożizzjoni għandhiex tiġi interpretata fis-sens li s-salvagwardja tad-drittijiet u tal-obbligi li jirriżultaw mill-kuntratt ta' xogħol ma tista' tiġi invokata kontra ebda wieħed miċ-ċessjonarji.

24 Qabel kollox għandu jiġi rrilevat li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/23 jipprevedi li d-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw għaċ-ċedent minn kuntratt ta' xogħol jew minn relazzjoni ta' xogħol eżistenti fid-data tat-trasferiment għandhom, b'riżultat ta' dan it-trasferiment, jiġu ttrasferiti liċ-ċessjonarju, mingħajr ma jipprevedi l-ipoteżi ta' trasferiment li jinvolvi diversi ċessjonarji.

25 F'dan ir-rigward, hemm lok li jitfakkar, qabel kollox, li d-Direttiva 2001/23 hija intiża li tiżgura s-salvagwardja tad-drittijiet tal-ħaddiema fil-każ ta' bidla tal-persuna li timpjega billi tippermettilhom jibqgħu fis-servizz tal-persuna l-ġdida li timpjega bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk miftiehma maċ-ċedent. L-għan tal-imsemmija direttiva huwa li tiġi ggarantita, sa fejn ikun possibbli, il-kontinwazzjoni tal-kuntratti ta' xogħol jew tar-relazzjonijiet ta' xogħol, mingħajr tibdil, maċ-ċessjonarju, sabiex jiġi evitat li l-ħaddiema kkonċernati jitqiegħdu f'pożizzjoni inqas favorevoli sempliċiment minħabba dan it-trasferiment (sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Colino Sigüenza, C-472/16, EU:C:2018:646, punt 48). Madankollu, l-imsemmija direttiva ma tistax tiġi utilment invokata sabiex jinkiseb titjib tal-kundizzjonijiet ta' remunerazzjoni jew ta' kundizzjonijiet oħra tax-xogħol fl-okkażjoni ta' trasferiment ta' impriża (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2011, Scattolon, C-108/10, EU:C:2011:542, punt 77).

26 Barra minn hekk, għandu jiġi ppreċiżat li, għalkemm, skont l-għan tal-imsemmija direttiva, għandhom jiġu protetti l-interessi tal-ħaddiema kkonċernati mit-trasferiment, madankollu ma jistgħux jiġu injorati dawk taċ-ċessjonarju, li għandu jkun fil-pożizzjoni li jagħmel l-aġġustamenti u t-tibdiliet meħtieġa għat-tkomplija tal-attività tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Marzu 2006, Werhif, C-499/04, EU:C:2006:168, punt 31). Id-Direttiva 2001/23 ma hijiex intiża biss li tissalvagwardja,

fl-okkażjoni ta' trasferiment ta' impriża, l-interessi tal-impjegati, iżda hija intiża li tiżgura bilanċ ġust bejn l-interessi ta' dawn tal-aħħar, minn naħa, u dawk taċ-ċessjonarju, min-naħa l-oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Alemo-Herron *et*, C-426/11, EU:C:2013:521, punt 25).

27 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi enfasizzat, sussegwentement, hekk kif għamel l-Avukat Ġenerali fil-punt 70 tal-konklużjonijiet tiegħu, li, meta l-entità ekonomika li magħha kien marbut ħaddiem tkun ġiet ittrasferita, fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2001/23, il-fatt li dan kien lil ċessjonarju wieħed jew lil diversi ċessjonarji huwa mingħajr effett fuq it-trasferiment tad-drittijiet u tal-obbligi li jirriżultaw, għaċ-ċedent, mill-kuntratt ta' xogħol eżistenti fid-data tat-trasferiment tal-imsemmija entità.

28 Minn dan jirriżulta li l-ipoteżi prevista sussidjarjament mill-qorti tar-rinviju għandha tiġi eskluża, sa fejn din teskludi s-salvagwardja tad-drittijiet u tal-obbligi li jirriżultaw mill-kuntratt ta' xogħol eżistenti fid-data tat-trasferiment ta' impriża u għaldaqstant tneħħi l-effettività tad-Direttiva 2001/23.

29 Fl-aħħar nett, għandhom jiġu eżaminati ż-żewġ ipoteżijiet imsemmija mill-qorti tar-rinviju b'mod prinċipali u mfakkra fil-punt 23 ta' din is-sentenza.

30 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-ipoteżi li tikkonsisti fit-trasferiment tal-kuntratt ta' xogħol biss liċ-ċessjonarju li miegħu l-ħaddiem jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu b'mod prinċipali, għandu jiġi rrilevat li din l-interpretazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/23 tippermetti li tiġi żgurata s-salvagwardja tad-drittijiet u tal-obbligi li jirriżultaw mill-kuntratt ta' xogħol fir-rigward ta' dan iċ-ċessjonarju u, għalhekk, tissalvagwardja l-interessi tal-ħaddiem.

31 Madankollu, din l-ipoteżi twassal sabiex l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/23 jiġi interpretat mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni l-interessi taċ-ċessjonarju, peress li jiġu ttrasferiti lil dan tal-aħħar id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn kuntratt ta' xogħol full-time, filwaqt li l-ħaddiem ikkonċernat jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu miegħu biss fuq bażi part-time.

32 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-ipoteżi li tikkonsisti fit-trasferiment lil kull wieħed miċ-ċessjonarji tad-drittijiet u tal-obbligi li jirriżultaw mill-kuntratt ta' xogħol konkluż maċ-ċedent, *pro rata* mal-funzjonijiet eżerċitati mill-ħaddiem, għandu jiġi pprezzat, minn naħa, li, konformement mal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2001/23, din tal-aħħar għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt nazzjonali f'dak li jirrigwarda d-definizzjoni tal-kuntratt jew tar-relazzjoni ta' xogħol. Għalhekk, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina l-modalitajiet ta' tqassim eventwali tal-kuntratt ta' xogħol. F'dan ir-rigward, din tal-aħħar tista' tieħu inkunsiderazzjoni l-valur ekonomiku tal-lottijiet li għalihom il-ħaddiem huwa assenjat, hekk kif tissuġġerixxi ISS, jew iż-żmien li huwa jiddedika effettivament għal kull lott, hekk kif tipproponi l-Kummissjoni Ewropea.

33 Min-naħa l-oħra, sa fejn tali ipoteżi twassal sabiex kuntratt ta' xogħol full-time jinqasam f'diversi kuntratti ta' xogħol part-time, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2001/23, l-Istati Membri ma jistgħux jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva l-kuntratti jew ir-relazzjonijiet ta' xogħol biss minħabba n-numru ta' sigħat ta' xogħol imwettqa jew li għandhom jitwettqu. Għalhekk, tali qsim ma jistax jiġi eskluż minħabba s-sempliċi fatt li dan jimplika t-trasferiment lil wieħed miċ-ċessjonarji ta' kuntratt ta' xogħol li jirrigwarda numru żgħir ta' sigħat ta' xogħol.

34 Barra minn hekk, tali trasferiment tad-drittijiet u tal-obbligi li jirriżultaw minn kuntratt ta' xogħol lil kull wieħed miċ-ċessjonarji, *pro rata* mal-funzjonijiet eżerċitati mill-ħaddiem, jippermetti, bħala prinċipju, li jiġi żgurat bilanċ ġust bejn is-salvagwardja tal-interessi tal-ħaddiema u s-salvagwardja ta' dawk taċ-ċessjonarji, sa fejn id-drittijiet tal-ħaddiem li jirriżultaw mill-kuntratt ta' xogħol tiegħu jiġu ssalvagwardjati, filwaqt li ma jiġux imposti fir-rigward taċ-ċessjonarji obbligi ikbar minn dawk li jimplika, fir-rigward tagħhom, it-trasferiment ta' impriża kkonċernata.

35 Madankollu, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-implikazzjonijiet prattiċi ta' dan il-qsim tal-kuntratt ta' xogħol fid-dawl tal-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2001/23, imfakkra fil-punti 25 u 26 ta' din is-sentenza. Fil-fatt, hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 77 tal-konklużjonijiet tiegħu, din id-direttiva ma tistax tiġi invokata sabiex imorru għall-agħar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiem ikkonċernat minn trasferiment ta' impriża (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Marzu 1996, Merckx u Neuhuys, C-171/94 u C-172/94, EU:C:1996:87, punt 38, kif ukoll tas-6 ta' Settembru 2011, Scattolon, C-108/10, EU:C:2011:542, punti 81 u 82).

36 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva, għalkemm it-trasferiment ta' impriża jew ta' parti minn impriża ma jistax jikkostitwixxi fih innifsu raġuni għal tkeċċija miċ-ċedent jew miċ-ċessjonarju, ħlief fil-każijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1), din id-dispożizzjoni madankollu ma tipprekludix tkeċċijiet li jistgħu jseħħu għal raġunijiet ekonomiċi, tekniċi jew ta' organizzazzjoni li jinvolvu bidliet f'dak li jirrigwarda l-impjieg. Barra minn hekk, l-Artikolu 4(2) jippreċiża li, jekk il-kuntratt ta' xogħol jiġi xolt minħabba l-fatt li t-trasferiment jinvolvi bidla sostanzjali fil-kundizzjonijiet tax-xogħol għad-detriment tal-ħaddiem, il-persuna li timpjega għandha titqies bħala responsabbli għal dan ix-xoljiment.

37 Għalhekk, hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 79 tal-konklużjonijiet tiegħu, jekk il-qsim tal-kuntratt ta' xogħol jirriżulta impossibbli jew iwassal sabiex il-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-drittijiet tal-ħaddiem iggarantiti mid-Direttiva 2001/23 imorru għall-agħar, dan il-kuntratt jista' jiġi xolt, u ċ-ċessjonarju jew iċ-ċessjonarji għandhom, skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2001/23, jitqiesu bħala responsabbli għax-xoljiment, anki meta dan ix-xoljiment ikun seħħ fuq l-inizjattiva tal-ħaddiem.

38 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li, fil-preżenza ta' trasferiment ta' impriża li jinvolvi diversi ċessjonarji, l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/23 għandu jiġi interpretat fis-sens li d-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn kuntratt ta' xogħol huma ttrasferiti lil kull wieħed miċ-ċessjonarji, *pro rata* mal-funzjonijiet eżerċitati mill-ħaddiem ikkonċernat, bil-kundizzjoni li l-qsim tal-kuntratt ta' xogħol li jirriżulta minnu jkun possibbli jew ma jwassalx sabiex il-kundizzjonijiet tax-xogħol imorru għall-agħar u lanqas ma jippreġudika s-salvagwardja tad-drittijiet tal-ħaddiema ggarantita minn din id-direttiva, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju. Fil-każ li tali qsim jirriżulta impossibbli li jitwettaq jew jippreġudika d-drittijiet tal-imsemmi ħaddiem, iċ-ċessjonarju jew iċ-ċessjonarji għandhom, skont l-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva, jitqiesu bħala responsabbli għall-eventwali tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol li jirriżulta, anki jekk dan it-tmiem ikun seħħ fuq l-inizjattiva tal-ħaddiem.

**Fuq l-ispejjeż**

39 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**Fil-preżenza ta' trasferiment ta' impriża li jinvolvi diversi ċessjonarji, l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet ta' l-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji, għandu jiġi interpretat fis-sens li d-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn kuntratt ta' xogħol huma ttrasferiti lil kull wieħed miċ-ċessjonarji, *pro rata* mal-funzjonijiet eżerċitati mill-ħaddiem ikkonċernat, bil-kundizzjoni li l-qsim tal-kuntratt ta' xogħol li jirriżulta minnu jkun possibbli jew ma jwassalx sabiex il-kundizzjonijiet tax-xogħol imorru għall-agħar u lanqas ma jippreġudika s-salvagwardja tad-drittijiet tal-ħaddiema ggarantita minn din id-direttiva, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.**

**Fil-każ li tali qsim jirriżulta impossibbli li jitwettaq jew jippreġudika d-drittijiet tal-imsemmi ħaddiem, iċ-ċessjonarju jew iċ-ċessjonarji għandhom, skont l-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva, jitqiesu bħala responsabbli għall-eventwali tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol li jirriżulta, anki jekk dan it-tmiem ikun seħħ fuq l-inizjattiva tal-ħaddiem.**

Firem